REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/179

tat-3 ta' Frar 2020

li japprova emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika ta' xarba spirituża rreġistrata (Berliner Kümmel)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż, l-użu tal-ismijiet ta' xorb spirituż fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel oħra, il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż, l-użu ta' alkoħol etiliku u distillati ta' oriġini agrikola f'xorb alkoħoliku, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 30(2) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 21 u l-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), il-Kummissjoni eżaminat it-talba tal-Ġermanja tat-28 ta' Settembru 2017 biex tapprova emenda fl-iskeda teknika marbuta mal-indikazzjoni ġeografika "Berliner Kümmel", mogħtija skont ir-Regolament (KE) Nru 110/2008.

(2) Ir-Regolament (KE) 2019/787 li jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 110/2008 daħal fis-seħħ fil-25 ta' Mejju 2019. F'konformità mal-Artikolu 49(1) tal-imsemmi Regolament, il-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi huwa mħassar b'effett mit-8 ta' Ġunju 2019. Skont l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) 2019/787, l-iskedi tekniċi sottomessi fil-kuntest ta' kwalunkwe applikazzjoni qabel it-8 ta' Ġunju 2019 skont ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 għandhom jitqiesu bħala speċifikazzjonijiet ta' prodotti.

(3) Wara li ddeterminat li t-talba hija f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 110/2008, il-Kummissjoni ppubblikat applikazzjoni għal emenda f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]), skont l-Artikolu 17(6) tar-Regolament imsemmi, u f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 50(4) tar-Regolament (UE) 2019/787.

(4) Billi ma ġiet innotifikata l-ebda notifika ta' oppożizzjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 27(1) tar-Regolament (UE) 2019/787, l-emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott trid tiġi approvata skont l-Artikolu 30(2) ta' dak ir-Regolament, applikabbli *mutatis mutandis* fir-rigward tal-emendi fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emenda għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott rigward id-denominazzjoni "Berliner Kümmel", ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, hija b'dan approvata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Frar 2020.

Għall-Kummissjoni
f'isem il-President,
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 130 du 17.5.2019, p. 1.
([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spirituż u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 (ĠU L 39, 13.2.2008, p. 16).
([3]) ĠU C 316, 20.9.2019, p. 24.